MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 351/2002/1

**Albert Fiorentino**

**vs**

**Rebecca Attard**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Lulju, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi fi zmien qasir u perentorju fissat minn dina l-qorti taghti lura u tirritorna lill-attur is-segwenti oggetti: Television tal-marka Seleco (LM150), DVD tal-marka Pioneer (LM135), telefon cellulari tal-marka Sony (LM135), Panasonic Cordless Telephone (LM50), Computer desk (LM190), Computer monitor tal-marka Horizon (LM20), Panasonic Stereo System (LM230), Aquarium (LM65), Strobe light (LM15) u mejda tal-injam (LM15). U fin-nuqqas thallas lill-attur il-valur taghhom kif fuq indikat;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tad-29 ta' April tas-sena 2002; tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment u bl-interessi;

3. Illi l-konvenuta hi ngunta biex tidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-27 ta' Settembru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi mhux minnu li l-oggetti msemmija mill-attur, fl-avviz, kienu gew mislufa lill-konvenuta, izda moghtija bhala rigali tul il-hbiberija li kienet tezisti bejn il-partijiet, hlief ghall-ahhar oggett imsemmi fl-istess avviz u cioe', mejda tal-injam, u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi l-attur qed jippretendi lura l-imsemmija oggetti u li l-istess kienu gew mislufa lill-konvenuta wara li l-hbiberija bejn il-partijiet spiccat;

3. Illi ghalhekk it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta' l-eccezzonijiet ulterjuri datata l-25 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi l-ammont pretiz mill-attur tal-oggetti msemmija minnhu fl-avviz fl-ismijiet fuq indikati, kif ukoll il-valur ta' l-istess oggetti huwa anqas minn elf u hames mitt Lira Maltin (LM1,500.00,0);

2. Illi dan gie kkonfermat mill-istess attur waqt ix-xhieda tieghu;

3. Illi ghalhekk dina l-Qorti ma hijiex dik il-Qorti kompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi fuq it-talba ta' l-attur;

Rat il-verbal datat is-27 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz tieghu r-rapprezentant legali tal-konvenuta iddikjara li rtira n-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri fuq indikata;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-partijiet f'din il-kawza zviluppaw hbiberija;

2. Illi l-attur isostni li l-oggetti minnhu ndikati fl-avviz odjern kien sellifhom lill-konvenuta minhabba s-sitwazzjoni personali li kienet tinsab fiha;

3. Illi l-konvenuta ssostni li bl-eccezzjoni tal-mejda ta' l-injam indikata fl-avviz odjern l-oggetti l-ohra kienu gew moghtija lilha mill-attur;

Ikkunsidrat:

Illi n-natura ta' din il-kawza hi wahda verament stramba stante li jirrizulta li meta l-hbiberija bejn il-partijiet kienet prezenti huma kienu f'certa komplicita' bejniethom, izda

meta s-sitwazzjoni inbidlet, l-attitudni lejn xulxin hadet xejra opposta;

Illi hija l-konsiderazzjoni ta' din il-qorti li tali attitudni hi nfantili u m'ghandhiex tigi avallata;

Ikkunsidrat:

Illi pero' fl-istess eccezzjonijiet presentati jirrizulta li jidher li l-oggetti indikati fl-avviz odjern gew effettivament mislufa u mhux moghtija lill-konvenuta, (ara t-tieni eccezzjoni a fol 7);

Illi ghalhekk a bazi xejn aktar milli tali probabbilita' din il-qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement tordna lill-konvenuta tirritorna l-oggetti indikati fl-avviz odjern lill-attur fi zmien hmistax-il gurnata mil-lum u fin-nuqqas biex thallsu l-valur ekwivalenti indikat fl-istess avviz fl-ammont komplessiv ta' elf u hames Liri Maltin, (LM1,005.00,0);

Illi rigward l-ispejjez ghandu jigi rilevat li din il-qorti taghti l-opportunita' lill-partijiet biex jipprovaw jasslu ghal xi forma ta' ftehim bejniethom izda dan irrizulta li kien inutilment u ghaldaqstant tordna li l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet."

Il-konvenuta hassitha aggravata b'din is-sentenza u minnha appellat biex titlob ir-revoka taghha.  L-ilment ewlieni taghha jikkonsisti fil-kontenzjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-fatti.  Hi tillanja illi ma kellhiex tigi skartata l-versjoni taghha illi l-oggetti reklamati lura mill-attur appellat gew regalati lilha.  Hi tinduci dan ukoll mill-fatt illi l-oggetti donati ma jipprestawx ruhhom biex jigu mislufa, kif hekk qed jikkontendi l-attur.

Bl-oppost l-attur appellat iwiegeb ghal dan l-istess aggravju billi jsostni li l-versjoni tieghu tal-fatti hi aktar attendibbli.  Izid jafferma illi hu aktar verosimili li wiehed jislef l-oggetti 'de qua' milli jaghtihom b'rigal minghajr kontrakkambju.

Kif manifest mill-aggravju u mil-linja difensjonali assunta mill-konvenuta appellanti din tikkampa t-tezi taghha fuq il-fatt tad-donazzjoni tal-oggetti moghtija lilha mill-attur, bl-eccezzjoni ta’ mejda. Apparti l-kwestjoni tal-aspett oggettiv tal-materja ossija tal-att materjali, li f’dan il-kaz certament jezisti gjaladarba l-oggetti jinsabu fil-pussess tal-konvenuta, d-donazzjoni tirrikjedi wkoll bhala element essenzjali taghha l-aspett soggettiv, ossija l-prova tal-animu tal-liberalita`.

Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet “**Carmela Pace -vs- Rosaria Caruana et**”, Prim’Awla, Qorti Civili, 17 ta’ Ottubru 1949 (**Kollez Vol XXXIII pII p416** “ghall-effikacja guridika tad-donazzjoni huwa mehtieg (1) li l-oggett mobili moghtija b’rigal ikun tenwi u proporzjonat ghall-kondizzjonijiet ekonomici tad-donanti; (2) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta’ l-oggett donat,u b’mod li dan jghaddi immedjatament u rrevokabilment f’idejn id-donatarju; u (3) li d-donanti jkollu effettivament il-volonta li jiddona u li jizvesti ruhu immedjatament u irrevokabilment mill-oggett li jkun irid jiddona”.

Il-kwestjoni hawn involuta trid allura tigi ezaminata fl-ambitu ta’ dawn l-elementi, in partikolari l-element intenzjonali specifiku ta’ l-allegata donazzjoni.

Qabel kull konsiderazzjoni tal-fatti processwali tajjeb li jigi sottolinejat illi “min jallega d-donazzjoni ghandu l-obbligu li jipprovaha tant jekk tkun donazzjoni propria kemm jekk tkun donazzjoni rimuneratorja, ossija mproprja, kemm jekk tkun donazzjoni mista. Fi kwalunkwe kaz sabiex ikun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja li sehhet id-donazzjoni jrid ikun hemm provi cari … …” (**Kollez Vol XXXII pII p472**).

Din il-Qorti irriezaminat bir-reqqa l-provi biex tara jekk ghandhiex issostni l-versjoni l-wahda ta’ semplici self, kif propunjata mill-attur, jew il-versjoni propulsa mill-konvenuta li si tratta ta’ donazzjoni. Tistqarr mill-ewwel illi jezistu cirkostanzi wisq ekwivoci biex minnhom il-Qorti tkun tista’ tinduci b’dak il-grad ta’ konvinzjoni morali li saret donazzjoni effettiva tal-oggetti in kwistjoni.

Gja gie fuq rilevat illi ta' essenza ghad-donazzjoni hu l-ispirtu ta' liberalita` ossija l-"animus donandi", sottostrat tal-kawza tan-negozju liberali in generali. Dan anke imprexxendibilment minn motivi specifici li jakkompanjaw id-determinazzjoni volittiva tal-awtur tad-donazzjoni. Issa f'dan il-kaz minn dak rakkontat mill-attur appellat, kif sostenut mix-xhud tieghu Albert Cilia (fol 16), tonqos il-koxxjenza fih, fil-mument rilevanti tal-konsenja tal-oggett, illi hu kien qed jaghmel kontribuzzjoni patrimonjali gratuwita minn hwejgu lill-appellanti. Mill-komportament u attitudni minnu assunti ma jidherx li dan jidentifika ruhu f'dak l-intent benefiku u altruwistiku li hu l-bazi tal-ispirtu tal-liberalita`. Ghallanqas il-vantagg li hu kellu f'mohhu li jikkoncedi lill-appellanti bl-uzu tal-oggetti ma kienx meqjus minnu li jittraduci ruhu "ghal dejjem", kif hekk irid l-Artikolu 1737(2) tal-Kodici Civili. Kif taraha din il-Qorti l-konsenja tal-oggetti kellha izjed mill-prestazzjoni ta' kortesija skond ir-regoli tal-konvivenza socjali milli ta' vera donazzjoni.

Mill-kumpless tal-provi tonqos dik l-ispontanjeta` u l-liberalita` qua elementi essenzjali tal-att tad-donazzjoni (**Kollez Vol XXVII pII p81**).

Anke pero` kieku kellu jinghad illi jezistu cirkostanzi manifestanti skop obbjettiv li ssehh donazzjoni ghaf-favur tal-appellanti jew ta' binha minuri, dawn l-istess cirkostanzi fir-raffront ma' cirkostanzi u dikjarazzjonijiet ottenibbli mill-atti tal-process ihallu dubju serju fil-Qorti tal-pretiza donazzjoni. F'din is-sitwazzjoni l-Qorti ma tistax titbieghed mill-principju affermat skond id-"**De Regulis Juris**" tad-dritt Ruman, u tutt'ora vigenti, illi "in dubio autem donatio non praesumitur".

Ragonevolment allura, fic-cirkostanzi maghrufa, din il-Qorti wkoll ma thosshiex li ghandha ssostni l-fatt tad-donazzjoni vantat mill-konvenuta appellanti tal-oggetti 'de qua agitur'. Dan specjalment di fronte ghac-cirkostanzi ta' fatt illi komplessivament, anke jekk mhux bilfors singolarment, l-oggetti ma jistghux jitqiesu ta' valur tenwu. Rikollegati mal-insenjament gurisprudenzjali fuq riferit, il-fatti ma jidhrux li jistghu jwasslu ghall-prova tant cara, inekwivoka u konklussiva tad-donazzjoni. Eskluz dan il-

fatt allegat mill-konvenuta bhala l-fondament ewlieni tal-eccezzjoni u tal-aggravju taghha, jsegwi li l-Qorti ma ghandhiex alternattiva hlief li hi wkoll, bhall-ewwel Qorti, ssostni l-versjoni tal-attur appellat.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata fit-totalita` taghha kompriz il-perijodu prefiss ta' hmistax-il jum ghall-konsenja tal-oggetti liema perijodu jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjez gudizzjarji anke ta' din l-istanza jibqghu ugwalment sopportati bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------